**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**-vs-**

**Carmelo Ciranna, detentur tal-karta tal-identità numru 44398A**

***Kump. Nru. 136/2017***

Illum 27 ta' April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmelo Ciranna talli:

1. Fit-13 ta' Jannar, 2017, għall-ħabta tad-9:30am u/jew ħinijiet wara mill-fond numru 61 fit-Triq San Anard, Ħal Tarxien, u/jew f'dawn il-gżejjer kkommetta serq ta' mitejn u għaxar sterlinii, tliet mija u ħamsa u sittin ewro €365, kamera tar-ritratti tal-għamla Panasonic Lumix, ħames arloġġi, żewġ passaporti, u ammont ta' deheb u/jew oġġetti oħra li l-valur tagħhom jeċċedi elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu €2329.37 liema serq aggravat bil-valur, bil-mezz u lok għad-detriment ta' Aldo Fiorini u Alexia Fiorini minn Ħal-Tarxien u/jew persuni oħra.

2. Fl-istess ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbi jew immobbli, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin euro (€250) u saret għad-dannu ta' Aldo Fiorini u Alexia Fiorini u/jew persuni oħra u/jew ta' xi entità/entitajiet oħra.

3. Fix-xahar ta' Jannar 2017 fil-Fgura u'jew f'dawn il-gżejjer xjentament laqgħa għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa meħuda b'qerq jew akkwista b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentament kull mod li jkun indaħal sabiex jbiegħhom jew imexxihom.

Rat li waqt l-udjenza tal-19 ta' April, 2017, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi l-hsara li tinkwadra ruhha fit-tieni imputazzjoni giet ikkawzata bhala mezz ai fini tal-kummissjoni tar-reat tas-serq u ghalhekk, meta titqies il-piena erogabbli, japplika il-provvediment tal-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, tal-fedina penali xejn felici tieghu, tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif ukoll tal-ammissjoni ferm bikrija tieghu. Ittiehed konsiderazzjoni tal-fatt li l-imputat ikkowopera mill-ewwel mal-pulizija fejn ammetta l-involviment tieghu fis-serqa u fis-segwenti bejgh tad-deheb hekk misruq. Il-Qorti qiset ukoll il-fatt li l-imputat ma giex akkuzat li hu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u u 289 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 49, 261(b)(c)(e), 263, 264, 267, 269, 270, 278(2), 280(2) u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal tmienja u ghoxrin xahar prigunerija.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**